Ġabra tal-ġurisprudenza

# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

18 ta' April 2013*

"Ħlas lura tat-taxxi miġbura minn Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni — Skema nazzjonali li tillimita l-interessi dovuti mill-imsemmi Stat fuq it-taxxa mħallsa lura — Interessi kkalkolati mill-jum ta' wara d-data tat-talba għall-ħlas lura tat-taxxa — Nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni — Prinċipju ta' effettività"

Fil-Kawża C-565/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa minn Tribunalul Sibiu (ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Lulju 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta' Novembru 2011, fil-proċedura

**Mariana Irimie**

vs

**Administrația Finanțelor Publice Sibiu,**

**Administrația Fondului pentru Mediu,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn M. Ilešič (Relatur), President tal-Awla, E. Jarašiūnas, A. Ó Caoimh, C. Toader u C. G. Fernlund, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-17 ta' Ottubru 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. Irimie, minn D. Târșia, avukat,

— għall-Gvern Rumen, minn R. H. Radu kif ukoll minn R. M. Giurescu u A. Voicu, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn A. Rubio González, bħala aġent,

— għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J.-P. Keppenne kif ukoll minn L. Bouyon u C. Barslev, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta’ Diċembru 2012,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward ta’ skema nazzjonali li tillimita l-interessi mogħtija fil-każ ta’ ħlas lura ta’ taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni għal dawk li jiddekorru mill-jum ta’ wara d-data tat-talba għall-ħlas lura ta’ dik it-taxxa.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn M. Irimie, ċittadina Rumena, u l-Administrația Finanțelor Publice Sibiu (l-Amministrazzjoni tal-Finanzi Pubbliċi ta’ Sibiu) u l-Administrația Fondului pentru Mediu (l-Amministrazzjoni tal-Fondi għall-Ambjent), dwar il-ħlas tal-interessi f’każ ta’ ħlas lura ta’ taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

### Id-dritt Rumen

*Id-digriet b’urġenza tal-Gvern Nru 50/2008*

3 Fl-ordinament ġuridiku Rumen, fil-mument meta ġraw il-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali, it-taxxa fuq it-tniġġis tal-vetturi bil-mutur kienet irregolata mid-digriet b’urġenza tal-Gvern Nru 50/2008 li jistabbilixxi t-taxxa fuq it-tniġġis tal-vetturi bil-mutur (Ordonanță de Urgență a Guvernului nr. 50/2008 pentru instituirea taxei pe poluare pentru autovehicule), tal-21 ta’ April 2008 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 327 tal-25 ta’ April 2008, iktar ’il quddiem l-“OUG Nru 50/2008”).

*Id-digriet tal-Gvern Nru 92/2003*

4 Il-proċedura fiskali hija stabbilita bid-Digriet tal-Gvern Nru 92 dwar il-Kodiċi ta’ Proċedura Fiskali (Ordonanța Guvernului nr. 92 privind Codul de procedură fiscală), tal-24 ta’ Diċembru 2003, (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 941, tad-29 ta’ Diċembru 2003), kif emendat (iktar ’il quddiem l-“OG Nru 92/2003”).

5 L-Artikolu 70 tal-OG Nru 92/2003, intitolat “Terminu għall-ħlas tat-talbiet tal-persuni taxxabbli”, kien jipprovdi:

“(1) L-awtorità fiskali għandha tiddeċiedi dwar it-talbiet imressqa minn persuna taxxabbli skont dan il-kodiċi f’terminu ta’ 45 jum mir-reġistrazzjoni tat-talba.(2) Jekk għal dawn il-finijiet, tkun neċessarja informazzjoni addizzjonali, dan it-terminu jista’ jiġi estiż għall-perijodu ta’ bejn id-data tat-talba għal informazzjoni u dik meta din tal-aħħar tiġi riċevuta.”

6 L-Artikolu 124 tal-OG Nru 92/2003, intitolat “Rati tal-interessi tas-somom imħallsa lura jew rimborsati minn fondi pubbliċi” jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Il-persuni taxxabbli għandhom id-dritt jirċievu, fuq is-somom li għandhom jitħallsu lura jew jiġi rrimborsati minn fondi pubbliċi, l-interessi mill-jum ta’ wara l-iskadenza tat-terminu previst fi [...] l-Artikolu 70, [...] sad-data tal-estinzjoni tad-dejn skont wieħed mill-metodi previsti mil-liġi. L-interessi jitħallsu fuq talba tal-persuni taxxabbli.”

*Il-liġi tat-tilwim amministrattiv Nru 554/2004*

7 It-tilwim amministrattiv fid-dritt Rumen huwa rregolat mil-liġi dwar it-tilwim amministrattiv Nru 554 (Legea contenciosului administrativ Nru 554), tat-2 ta' Diċembru 2004 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 1154 tas-7 ta' Diċembru 2004), kif emendata (iktar 'il quddiem il-"liġi Nru 554/2004").

8 L-Artikolu 1 tal-liġi Nru 554/2004, intitolat "Raġunijiet sabiex il-qorti tassumi l-ġurisdizzjoni", jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull persuna li tqis ruħha ppreġudikata minn awtorità pubblika fir-rigward ta' wieħed mid-drittijiet jew l-interessi leġittimi tagħha, minn att amministrattiv jew minn nuqqas ta' pproċessar ta' talba fit-terminu previst mil-liġi, tistà tipproċedi quddiem il-qorti kompetenti għat-tilwim amministrattiv sabiex tikseb l-annullament tal-att, ir-rikonoxximent tad-dritt invokat jew tal-interess leġittimu, jew il-kumpens għad-danni subiti. [...]"

9 L-Artikolu 8 tal-liġi Nru 554/2004, intitolat "Suġġett tar-rikors", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-persuna ppreġudikata fir-rigward ta' dritt rikonoxxut mil-liġi jew fir-rigward ta' interess leġittimu minn att amministrattiv unilaterali, li ma tkunx sodisfatta bir-risposta mogħtija għall-ilment preliminari maħruġ kontra l-awtorità pubblika awtriċi tal-att, jew li ma tkunx irċeviet risposta fit-terminu [...], tistà tippreżenta rikors quddiem il-qorti kompetenti għat-tilwim amministrattiv bil-ħsieb li jinkiseb l-annullament, totali jew parzjali, tal-att, il-kumpens għad-danni subiti u, fejn xieraq, il-kumpens għad-danni morali. Tista' wkoll tipproċedi quddiem il-qorti kompetenti għat-tilwim amministrattiv kwalunkwe persuna li tqis ruħha ppreġudikata fir-rigward ta' wieħed mid-drittijiet tagħha rikonoxxuti mil-liġi minħabba pproċessar tardiv jew rifjut mhux iġġustifikat tal-ipproċessar tat-talba tagħha [...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

10 Fl-2007, M. Irimie xtrat vettura bil-mutur irreġistrata fil-Ġermanja. Bil-għan li tirreġistraha fir-Rumanija, hija ħallset, b'mod konformi mad-deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2008 tal-Administrația Finanțelor Publice Sibiu, taxxa fuq it-tniġġis, prevista mill-OUG Nru 50/2008, fl-ammont ta' RON 6 707.

11 Fil-31 ta' Awwissu 2009, M. Irimie tat bidu għal proċedura quddiem it-Tribunalul Sibiu (qorti superjuri ta' Sibiu) bil-għan li l-Administrația Finanțelor Publice Sibiu u l-Administrația Fondului pentru Mediu, minn naħa jiġu kkundannati jħallsuha lura s-somma li hija kienet ħallset bħala taxxa fuq it-tniġġis u, mill-oħra, iħallsuha l-interessi fuq dik is-somma mid-data meta din ġiet imħallsa.

12 Il-qorti tar-rinviju tikkonstata li l-parti tal-kwistjoni li tirrigwarda t-talba għal ħlas lura tas-somma mħallsa bħala taxxa fuq it-tniġġis ma tinvolvix problemi serji, fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' April 2011, Tatu (C-402/09, Ġabra p. I-2711) kif ukoll tal-ġurisprudenza ulterjuri li tikkonferma dik is-sentenza.

13 Għall-kuntrarju, fir-rigward tat-talba għall-ħlas tal-interessi relatati mal-ammont tat-taxxa fuq it-tniġġis, ikkalkolati sa mid-data tal-ħlas ta' din tal-aħħar, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li din it-talba ma tistax tiġi akkolta minħabba d-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 70 u 124 tal-OG Nru 92/2003. Fil-fatt, kif tippreċiża l-imsemmija qorti, fit-tweġiba tagħha għat-talba għal kjarifiki tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta mill-ġurisprudenza nazzjonali, stabbilita u inekwivoka, li, skont l-imsemmija artikoli, l-interessi fuq is-somom li għandhom jitħallsu lura minn fondi pubbliċi għandhom jingħataw biss sa mill-jum ta' wara d-data tat-talba għal ħlas lura.

14 Madankollu, il-qorti tar-rinviju qed tiddubita kemm tali regola hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-prinċipji ta' ekwivalenza, ta' effettività u ta' proporzjonalità, kif ukoll mad-dritt għall-proprjetà sanċit fl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, moqri flimkien mal-Artikolu 6 TUE.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunalul Sibiu ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"[Il-prinċipji] ta' ekwivalenza, ta' effettività u ta' proporzjonalità tal-azzjonijiet għall-kumpens għal ksur tad-dritt [tal-Unjoni] miġrub [imġarrab] minn individwi minħabba l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni li ma hijiex konformi mad-dritt [tal-Unjoni], [prinċipji li jirriżultaw] mill-ġurisprudenza tal-Qorti [...] u mid-dritt ta' proprjetà stabbilit bl-Artikolu 6 [TUE] u bl-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, [jistgħu jiġu interpretat fis-sens li jipprekludu] dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jillimitaw l-ammont tal-kumpens li jista' jinkiseb mill-individwu li d-dritt tiegħu jkun ġie miksur?"

**Fuq id-domanda preliminari**

16 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-domanda magħmula essenzjalment tittratta l-punt dwar jekk id-dritt tal-Unjoni għandux jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi skema nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tillimita l-interessi mogħtija fil-każ ta' ħlas lura ta' taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni għal dawk li jiddekorru mill-jum ta' wara d-data tat-talba għall-ħlas lura ta' dik it-taxxa.

17 M. Irimie u l-Kummissjoni Ewropea jikkunsidraw li dik il-kwistjoni tirrikjedi risposta affermattiva, filwaqt li l-Gvern Rumen, Spanjol u Portugiż isostnu li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix skema bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

18 Preliminarjament, hemm lok li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tikkonstata li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi taxxa bħal dik stabbilita mill-OUG Nru 50/2008 fil-verżjoni applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali, li għandha l-effett li tiskoraġixxi l-importazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni fir-Rumanija ta' vetturi użati mixtrija minn Stati Membri oħra (sentenza Tatu, iċċitata iktar 'il fuq, punti 58 u 61).

19 Hemm lok li jitfakkar, bħalma għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 19 tal-konklużjonijiet tiegħu, li ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti klassifikazzjoni ġuridika tar-rikors imressaq mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali. F'dan il-każ hija din tal-aħħar li għandha tispeċifika n-natura u l-bażi tar-rikors tagħha taħt l-istħarriġ tal-qorti tar-rinviju (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Test Claimants in the Thin Cap Group Litigation, C-524/04, Ġabra p. I-2107, punt 109 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li d-dritt għal rimbors ta' taxxi miġbura minn Stat Membru bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn u jikkomplementa d-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxu tali taxxi. Għaldaqstant, l-Istat Membru huwa fil-prinċipju obbligat li jirrimborsa t-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni (is-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2011, Lady & Kid *et*, C-398/09, Ġabra p. I-7375, punt 17, kif ukoll tad-19 ta' Lulju 2012, Littlewoods Retail *et*, C-591/10, punt 24).

21 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li meta Stat Membru jiġbor taxxi bi ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni, l-individwi għandhom id-dritt mhux biss għar-rimbors tat-taxxa indebitament miġbura, iżda wkoll għall-ammonti mħallsa lil dan l-Istat jew miżmuma minnu b'relazzjoni diretta ma' din it-taxxa. Dan jinkludi wkoll it-telf ikkostitwit mill-indisponibbiltà ta' somom ta' flus wara l-ġbir prematur tat-taxxa (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tat-8 ta' Marzu 2001, Metallgesellschaft *et*,

C-397/98 u C-410/98, Ġabra p. I-1727, punti 87 sa 89; tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 205; Littlewoods Retail *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25, kif ukoll tas-27 ta' Settembru 2012, Zuckerfabrik Jülich *et*, C-113/10, C-147/10 u C-234/10, punt 65).

22 Jirriżulta li l-prinċipju ta' obbligu tal-Istati Membri li jħallsu lura bl-interessi l-ammonti tat-taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta minn dan id-dritt (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Littlewoods Retail *et*, punt 26, kif ukoll Zuckerfabrik Jülich *et*, punt 66).

23 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru li għandu jipprovdi għall-kundizzjonijiet li fihom għandhom jitħallsu tali interessi, b'mod partikolari r-rati u l-metodu tal-kalkolu ta' dawn l-interessi. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom iħarsu l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, jiġifieri, huma la għandhom ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw talbiet simili li huma bbażati fuq dispożizzjonijiet tad-dritt intern u lanqas għandhom ikunu implementati b'mod li jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Littlewoods Retail *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 27 u 28 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

24 Fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza, għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-ebda element ta' natura li jqajjem dubju fir-rigward tal-konformità miegħu tal-iskema inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

25 Fil-fatt, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jidher li jirriżulta li l-iskema inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħti l-interessi biss sa mill-jum ta' wara d-data tat-talba għal ħlas lura tat-taxxa mħallsa indebitament, tapplika fir-rigward tas-somom kollha li għandhom jitħallsu lura minn fondi pubbliċi, kemm dawk miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll dawk miġbura bi ksur tad-dritt nazzjonali, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

26 Fir-rigward tal-prinċipju ta' effettività, dan jeżiġi, f'każ ta' sitwazzjoni ta' ħlas lura ta' taxxa miġbura minn Stat Membru bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, li r-regoli nazzjonali, relatati, partikolarment mal-kalkolu tal-interessi eventwalment dovuti, ma jwasslux biex iċaħħdu lill-persuna taxxabbli minn kumpens xieraq minħabba fit-telf ikkawżat mill-ħlas indebitu tat-taxxa (ara s-sentenza Littlewoods Retail *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 29).

27 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li skema bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tillimita l-interessi għal dawk li jiddekorru mill-jum ta' wara d-data tat-talba għall-ħlas lura tat-taxxa miġbura indebitament, ma tissodisfax dik l-eżiġenza.

28 Fil-fatt, dak it-telf jiddependi partikolarment fuq it-tul tan-nuqqas ta' disponibbiltà tas-somma mħallsa indebitament bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk, fil-prinċipju, jirriżulta fil-perijodu bejn id-data tal-ħlas indebitu tat-taxxa inkwistjoni u d-data tal-ħlas lura ta' din tal-aħħar.

29 Fid-dawl ta' dak li ntqal, jeħtieġ li tingħata risposta għad-domanda magħmula li d-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi skema nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tillimita l-interessi mogħtija fil-każ ta' ħlas lura ta' taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni għal dawk li jiddekorru mill-jum ta' wara d-data tat-talba għall-ħlas lura ta' dik it-taxxa.

**Fuq l-ispejjeż**

30 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi skema nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tillimita l-interessi mogħtija fil-każ ta' ħlas lura ta' taxxa miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni għal dawk li jiddekorru mill-jum ta' wara d-data tat-talba għall-ħlas lura ta' dik it-taxxa.**

Firem